**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 71 – IT-TLIETA, 2 TA' AWWISSU 2016 FIS-5.50PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 70

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 70

2.1 Is-Sur Dominic Cassar staqsa rigward il-policy li għandu jaddotta l-Kunsill meta jirċievi talba biex tinqata' siġra. Dan għandu jintbagħat lill-Kunsilliera.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona sospensjoni tal-agenda biex jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 62

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill jiġbor skart li ġie miġbur minn resident minn Wied Għomor li kien mormi tul iż-żmien f'dan il-wied.

4.2 Ġiet innutata korrispondenza mill-WD rigward talba tal-kunsill biex Ġnien Karin Grech ikollu fence mad-dawra u jingħalaq bil-lejl. Din it-talba ġiet milqugħa pożittivament mill-WD.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-installazzjoni ta' bicylce stands madwar il-lokal. Ġew identifikati 5 siti li jinkludu Triq il-Battaljun, Triq il-Fuxa viċin il-Knisja, Ta' Żwejt, il-Kappara u ħdejn l-entratura tan-nursery fi Vjal ir-Riħan. Għandha tinġabar stima ta' dawn l-istands.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba għall-ħlas rigward website li dan l-individwu qed jgħid li għamel għall-Kunsill. Il-Kunsill innota li qatt ma ġie mitlub dan ix-xogħol jew inħarġet xi Purchase Order, jew ġie approvat xi stima waqt laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li ma jiġix imħallas dan il-pagament.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha ssir laqgħa mal-GreenPak rigward il-kuntratt il-ġdid.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata Ċirkolari Nru 8 rigward inizjattiva finanzjarja għal-libreriji tal-Kunsill. Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni għal 500 Ewro f'kotba u l-Kunsill joħrog 500 Ewro oħra.

5.2 Ġiet innutata Ċirkolari Nru 9 Inizjattiva dwar restawr ta' postijiet storiċi. Kien hemm diskussjoni u ġie deċiż li napplikaw għal Pill Box li hemm fi Triq Envin Cremona.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward kwotazzjoni għal 6 templates ta' ittri għall-marki tat-toroq biex isiru l-iStop u s-Slow. Kien hemm qbil li dawn jinxtraw għall-prezz ta' 920.40 Ewro.

5.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex jiġi ssuġġerit post fejn jista' jsir parkeġġ għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku biex jagħmlu użu mill-charging points. Il-Kunsill issuġġerixxa li jsir fil-Kappara peress li f'San Ġwann diġà hemm waħda.

5.5 Ġiet innutata talba għal No Objection minn resident minn Triq Santa Margerita biex jinstalla pipe bil-gutter fil-bankina u l-Kunsill jirranġa l-bankina. Kien hemm qbil li ssir No Objection u r-resident jirranġa l-bankina hu stess.

5.6 Kien hemm diskussjoni rigward proposta mill-kumpanija Refab biex jinstallaw siti għal depożitu ta' ħwejjeg użati. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju fuq 4 siti. Għandha ssir laqgħa mal-Kumpanija għada fit-3 ta' Awwissu 2016 fid-9.00am.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex

6.1.1 terġa' tiġi nstallata t-tabella "l-Merħba" fi Triq il-Baltku peress li ta' San Ġiljan qatt ma tneħħiet, u għalhekk mhux ser tkun ta' ostaklu kif ġie kkomunikat minn TM.

6.1.2 isir bieb fil-girna li hemm f'Wied Għomor peress li hemm ġie vvandalizzat.

6.1.3 tinġabar stima għal camera li titwaħħal fuq id-dashboard ta' karozza.

6.1.4 jinxtara bukkett fjuri għall-festa tal-lokal, Madonna ta' Lourdes.

6.1.5 issir pressjoni fuq TM u WSC rigward ix-xogħol li ghad hemm pendenti minnhom madwar il-lokal. Intbagħet ħafna korrispondenza u anke saru laqgħat u kollu ghal xejn. Ġie deċiż li s-Sindku jibgħat email lill-Prim Ministru fuq l-andament ma' dawn l-aġenziji tal-gvern.

6.1.6 jitneħħew t-traffic bumps li hemm fi Vjal in-Naspli u Triq il-Buganvilla. Kien hemm qbil li dawn għandhom jibqgħu.

6.1.7 issir pressjoni biex il-Kunsill jiġi kkumpensat mill-kumpanija tal-wardens ghax-xogħol li qed jagħmlu biex jibbukjaw il-wardens TMS. Għanda tintalab għal-laqgħa mal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Kunsilli kif ukoll mas-CEO tal-kumpanija tal-wardens.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq

6.2.1 ix-xoghol li sar fil-latrina fejn ġew rranġati ħafna affarjiet. Għandu jiġi rikonoxxut dan ix-xogħol bħal meta nilmentaw meta jkun hemm xi nuqqasijiet.

6.2.2 il-festa tal-lokal u li hemm xi għaqdiet li ser jorganizzaw xi disco. Hi talba jekk hemmx qbil unanimu li dan m'ghandux ikun. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Hi għandha tiltaqa' mal-ispettur tal-pulizija biex tinsisti li dawn għandhom jitwaqqfu qabel ma jibdew.

6.2.3 l-awtur Anthony Grima li minkejja li hu nieqes mill-vista irnexxielu jikteb ktieb. Hi pproponiet biex dan il-ktieb jiġi ppubblikat mill-Kunsill. Kien hemm qbil fil-prinċipju, imma għandha tinġabar stima qabel.

6.2.4 ilmentat fuq it-tabelli li saru mit-TM fi Triq R Caruana Dingli u li huma ta' ostaklu għal dawk li jagħmlu użu min din il-bankiena ghax filwaqt li tpoggew fin-nofs huma baxxi hafna u diga ragel wegga rasu maghhom. Hi tiddiplora dawn il-metodi poverili ta' TM li qed ikunu ta' hela ta'risorsi u flux il- kollu u fuq kollox ta inkonvenjent kbir.

6.3 Is-Sur Malcolm Abdilla staqsa jekk il-Kunsill ħariġx permess għall-bandiera fuq il-bankina fi Triq is-Santwarju minħabba ostaklu fuq il-bankina. Ġie kkonfermat fin-negattiv. Għandu jsir jagħmel kuntatt hu mas-sid tal-ħanut li ħareġ din il-bandiera.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.13pm.

6.4 Is-Sur Mikhail Micallef ressaq stima għal ritratti mill-ajru għall-użu fuq il-website li qed jaħdem fuqa. Din l-istima hija ta' 250 Ewro. Kien hemm qbil fuq din.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Settembru 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |